MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' April, 2004

Numru 88/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Christopher Pullicino**
v

**NATALE BONELLO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **NATALE BONELLO** bin missier mhux maghruf u Manuela nee Hili, imwieled San Giljan, fit-tnejn ta' Frar 1975u joqghod Flat 9, Plymouth Fltas, Triq Testaferrata, Imsida, detentur tal-karta tal-identita numru 568675M gie mressaq quddiemha akkuzat;

1. Talli nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar 2002 ghall-habta tal-hamsa w nofs ta' filghaxija waqt li kien il-Gzira, ikkommetta serq ta' flus mill-hanut bl-isem 'Charles Butcher', sitwat fi Triq il-Gzira, Gzira, liema serq huwa kkwalifikat bl-ammont, li ma jiskorrix l-elf lira maltin u li sar ghad-dannu ta' Charles Zammit mill-Gzira;

2. Talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull li jkun indhal sabiex nbieghhom jew imexxihom;

3. Talli fl-istess data u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv meta nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi.

Rat d-dokumenti kollha esibiti f'dawn l-atti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat hmistax ta' Frar 2002 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kometenza taghha fuq riferita.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-istqarrija tal-imputat rilaxxjata nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 2002 esibta fl-atti w immarkata bhala dokument CSH 3, l-imputat kien ammetta il-partecipazzjoni tieghu fir-reati addebitati lilu u cioe li seraq ammont ta' flus minn Charles Butcher fi Triq il-Gzira, Gzira nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar 2002 ghalkemm jghid li huwa seraq l-ammont ta' sebgha mija u ghaxar liri.

Illi pero jirrizulta mix-xhieda ta' Carmelo Zammit a fol 21 tal-atti odjerni li huwa kellu elf lira fil-hanut fil-cash register dakinhar tas-serqa u jghid li apparti l-imputat, nies ohra fil-hanut tieghu ma dahlux dakinhar.

Illi l-imputat ma jichadtx din l-allegazzjoni ta' Carmel Zammit, anzi tul medda ta'zmien huwa irnexxilu jhallas lura lil vittma u cioe lil Carmel Zammit l-ammont kollu li l-istess Carmel Zammit qal li nsteraqlu u cioe l-elf lira maltin.

Infatti nhar l-ewwel ta' Marzu 2004, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat hallas lil Carmelo Zammit in toto dak kollu pretiz minnu.

Illi ghalhekk a bazi tas-suespost, il-Qorti tiddikjara li ssib lil imputat NATALE BONELLO hati tal-akkuza ta' serq aggravat bil-valur pero mhux hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni.

Illi dan l-ezercizzju il-Qorti ghamlitu ghaliex fis-seduta tat-tnax ta' Frar 2003 l-imputat ammetta l-ewwel w it-tielet akkkuzi.

Dwar il-piena il-Qorti qiset is-segwenti:

1. Illi l-imputat ghamel tajjeb ghal dak kollu li sofra l-vittma Carmelo Zammit materjalment billi hallsu l-amjmont kollu pretiz minnu;
2. Illi s-socjeta in generali ghalhekk ma sofriet ebda danni materjali;
3. Il-koperazzjoni tal-imputat stante l-ammissjoni bikrija tieghu fil-mument tar-rilaxx tal-istqarrija tieghu u l-ammissjoni sussegwenti tieghu verbalizzat a fl-atti nhar t-tnax ta' Frar 2003.

Il-Qorti ezaminat l-fedina penali tal-imputat esebita f'dawn l-atti markata bhala dokument CSH li hija wahda riflettarja u'hames konvizzjonijiet registrati fuqha li jittrattaw fuq prostituzzjoni, xi kontravenzjoni u kaz wiehed ta' serq meta l-istess imputat nghata canfira, amendi, multi u sentenzi sospizi.

Illi l-imputat qatt ma nghata ordni ta' probation u minn ezami tal-atti jirrizulta li l-imputat ghandu problemi socjali u ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tinnomina Probation

Officer sabiex isegwi lil imputat ghal perjodu massimu permess mill-ligi ta' tlett snin.
**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 261( c),49, 50, 267, 279, 289 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li qed issib lill-imputat NATALE BONELLO hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tordna li jitpogga taht ordni ta' probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett snin filwaqt li tiddikjara li ma ssibux hati tat-tieni akkuza u tilliberah minnha.**

**Tordna li din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services Limited sabiex jigi nominat Ufficjal tal-Probation idejali biex isegwi lil imputat probationer u dan ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------